MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2011

Numru. 406/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**(Spettur Jason F. Sultana)**

**Vs**

**Kenneth Zammit**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2011.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra **Kenneth Zammit** ta’ 30 sena, bin John u Maria Carmela nee’ Borg imwieled Pieta nhar it-3 ta’ Gunju, 1981, residenti 42, Loredana Court, Flat 7, Triq Giuseppi Cali’ Ta’ Xbiex u detentur tal-karta tal-identita 277481M;

U nakkuzawh talli f’dawn il-gzejjer, nhar is-16 ta’ Ottubru, 2011 kif ukoll fil-granet ta’ qabel din id-data, f’diversi postijiet madwar Malta:-

a) Biegh jew xort’ ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta’ l-Art 8 (e) ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, **liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

U aktar talli ghal dawn l-ahhar sitt xhur qabel din id-data, f’diversi postijiet madwar Malta:

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kakaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll

intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 us-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) **Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metro mill-parametru ta' skola, club,** jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzahj bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli dakinhar tas-16 t'Ottubru, minn gewwa tas-Sliema;

f) Ikkommetta serq ta' elmu minn gewwa l-istabbiliment Free Soul li jinsab fi Triq Bizazza Slimea ghad-dannu tas-sid liema serq ma jiskorrix il-valur ta' €232.94.

**Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Semghet l-ammissjoni bikrija tal-akkuzat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Il-Qorti rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fedina penali netta tal-akkuzat u l-fatt lill-akkuzat wera l-intenzjoni tieghu mal-prosekuzzjoni li ser jiehu l-kura kollha mehtiega johrog mill-vizzju tad-droga w d-difiza infurmat lill-Qorti li gja sar kuntatt mas-Sedqa dwar dan il-ghan.

Ghalhekk il-Qorti tikkundanna lil Kenneth Zammit terminu ta’ prigunerija ta’ disa’ (9) xhur mil-lum, u ghall-hlas ta’ multa minima ta’ €500 (hames mitt Euro).

Il-Qorti qieghda tistieden lid-Direttura tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tinghata l-facilta’ u l-possibilta kollha lill-akkuzat biex jaghmel il-kura kollha mehtiega.

Il-Qorti tordna ukoll id-distruzzjoni tad-droga elevate minn fuq il-persuna tal-imputat u pprezentata l-Qorti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------